V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10063 – Mitsubishi UFJ Lease & Finance/Hitachi Capital)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 422/10)

1. Fis-27 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi UFJ Lease & Finance Company, Limited ("MUL", il-Ġappun), u

— Hitachi Capital Corporation ("HC", il-Ġappun).

MUL u HC jidħlu għal amalgamazzjoni sħiħa fis-sens tal-Artikolu 3(1)(a) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni titwettaq bl-assorbiment bejn MUL u HC.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MUL: il-kiri, kif ukoll il-finanzjament ta' servizzi fis-setturi tal-proprjetà immobbli, il-kura tas-saħħa, l-ambjent u l-enerġija, l-infrastruttura u l-investiment, u l-avjazzjoni u l-loġistika. Fiż-ŻEE, MUL hija primarjament attiva fil-forniment ta' kirjiet operattivi ta' ajruplani, magni tal-ajruplani, u containers marittimi, u ta' self kummerċjali.

— HC: servizzi ta' kiri u servizzi finanzjarji. Fiż-ŻEE, HC hija primarjament attiva fil-forniment ta' soluzzjonijiet finanzjarji garantiti b'assi lin-negozji (inkluż il-finanzjament tal-assi, il-finanzjament tal-franchising, soluzzjonijiet tal-bejjiegħa u l-fatturament), is-self personali lill-konsumaturi tar-Renju Unit, u l-kiri tal-karozzi lil korporazzjonijiet u individwi.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 jinħtieġ ([2]) li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10063 – Mitsubishi UFJ Lease & Finance / Hitachi Capital

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË